**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Keith Arnaud)**

**vs**

**Paul Farrugia**

**Illum, 15 ta' Marzu 2019**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra:

> "**PAUL FARRUGIA** detentur tal-karta ta' l-identita 540483M;
>
> U nakkuzah talli nhar il-hamsa (05) ta' Marzu 2019 ghall-habta ta' nofs il-lejl neqsin ghaxar minuti (23:50) gewwa Hal Ghaxaq, nhar is-sitta (06) ta' Marzu 2019 ghall-habta tal-erbgha u nofs (04:30) ta' filghodu gewwa l-Imsida, u matul il-lejl tal-hamsa (05) ta' Marzu 2019 u s-sitta (06) ta' Marzu 2019 fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer Maltin, naqas milli jhares xi wahda mill-kondizzjonijiet imposti fuqu

bid-digriet datat id-09 ta' Awwissu 2018, li bih inghata l-helsien mill-arrest mill-Qorti Kriminali, Onor Imhallef Antonio Mizzi, u b'digriet iehor datat l-20 ta' Mejju 2015 li bih ukoll kien inghata l-helsien mill-arrest mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat (illum Imhallef) Dr Miriam Hayman LLD;

U aktar talli fil-hamsa (05) ta' Marzu 2019, ghall-habta ta' nofs il-lejl neqsin ghaxar minuti (23:50) gewwa Hal Ghaxaq, irrifjuta jaghti, jew ta falz, lil ufficjal pubbliku jew lil wiehed iehor li jkun inkarigat minn servizz pubbliku waqt li jkun jaghmel id-dmirijiet tieghu, ismu, kunjomu, fejn joqghod u partikolaritajiet ohra.

Il-Qorti hija mitluba li tirrevoka z-zewg digrieti ta' helsien mill-arrest hawn imsemmija ta' l-imsemmi Paul Farrugia, u tordna l-arrest tieghu mill-gdid, kif ukoll tordna li s-somma ta' €30,000 bhala depozitu u s-somma ta' €70,000 bhala garanzija personali li ghandu mposti fuqu bid-digriet mill-Qorti Kriminali Onor Imhallef Antonio Mizzi datat id-09 ta' Awwissu 2018, kif ukoll is-somma ta' €5,000 bhala depozitu u s-somm ta' €10,000 bhala garanzija personali li ghandu mposti fuqu mill-Magistrat (illum Imhallef) Dr Miriam Hayman LLD bid-digriet datat l-20 ta' Mejju 2015, jghaddu favur il-Gvern ta' Malta hekk kif stipulat fl-artikolu 579 (2) (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta."

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Semghet il-provi.
Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Ikkunsidrat.

Illi f'din il-kawza l-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat hija:

> "*U nakkuzah talli nhar il-hamsa (05) ta' Marzu 2019 ghall-habta ta' nofs il-lejl neqsin ghaxar minuti (23:50) gewwa Hal Ghaxaq, nhar is-sitta (06) ta' Marzu 2019 ghall-habta tal-erbgha u nofs (04:30) ta' filghodu gewwa l-Imsida, u matul il-lejl tal-hamsa (05) ta' Marzu 2019 u s-sitta (06) ta' Marzu 2019 fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer Maltin, naqas milli jhares xi wahda mill-kondizzjonijiet imposti fuqu bid-digriet datat id-09 ta' Awwissu 2018, li bih inghata l-helsien mill-arrest mill-Qorti Kriminali, Onor Imhallef Antonio Mizzi, u b'digriet iehor datat l-20 ta' Mejju 2015 li bih ukoll kien inghata l-helsien mill-arrest mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat (illum Imhallef) Dr Miriam Hayman LLD*;"

**Provi**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-kundizzjoni tal-imsemmija zewg digrieti tal-helsien mill-arrest li kiser l-imputat hija proprju dik li tillimita l-hinijiet li l-imputat jista' jkun barra mir-residenza tieghu u cioe l-kundizzjoni numru sitta fiz-zewg digrieti esebiti u markati bhala Dok. KA4 u KA5.

Fir-rigward tal-imsemmija digrieti saret sottomissjoni mid-Difiza li l-imsemmija digrieti ma gewx prezentati mill-awtur taghhom u ghalhekk ma jikkostitwixxux prova kif rikjest mil-ligi fil-kamp kriminali.

Din il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghall-kawza **Il-Pulizija vs Alfred Grixti,** Appell Kriminali deciz fis-26 ta' Marzu, 2018, fejn il-Qorti iddikjarat hekk dwar l-ammissibilita' u l-valur probatorju ta' dokument:

*"5. L-appellant donnu qieghed jikkonfondi l-kwistjoni tal-ammissibilita ta' dokument mal-valur probatorju tieghu. Kwantu ghal-prova permezz ta' dokument, l-artikolu 520(1)(3) tal-Kodici Kriminali jaghmel applikabbli l-artikolu 627 sa 637 tal-Kodici ta' Organzizazzjoni u Procedura Civili Kapitolu 12 tal-ligijiet ta' Malta bl-eskluzzjoni tal-artikolu 634. L-ewwel minn dawn l-artikolu, 627 (e), jipprovdi li* ***l-atti u r-registri tal-qrati tal-gustizzja u tal-qrati ekklezjastici ta' Malta huma ammissibbli bi prova bla ma tkun mehtiega ebda prova ohra ta' awtenticita' taghhom.*** *Id-digriet in kwistjoni huwa kopja u ghalhekk dan is-subartikolu mhux applikabbli u jkun jehtieg prova ohra ghall-fini ta' awtenticita'. L-artikolu 636(1) imbaghad jipprovdi li* ***jistghu jingiebu bi prova kopji awtentici tad-dokumenti msemmija inter alia fl-artikolu 627 allura komprizi l-atti u registri tal-qorti*** *u skond is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu* ***"il-kopji jitqiesu awtentici, meta huma maghmula fil-forma li trid il-ligi mill-ufficcjal li jkun ircieva jew li jkun merfugh ghandu l-original, jew mill-persuna awtorizzata legalment ghaldaqshekk u bis-subartikolu*** *(3),* ***il-kopji awtentici jaghmlu prova xorta wahda bhall-originali****. Il-kwezit li isegwi ghalhekk hu: x'valur prabatorju ghandu dokument li fih innifsu mhux originali jew mhux awtentikat skond il-ligi? Fil-kaz odjern ir-risposta hija wahda li wiegeb ghaliha l-appellant stess meta xehed illi kkonferma bil-gurament tieghu illi huwa ghandu jaghti s-somma ta' €800 lill-*

*kwerelanta u ma setghax ihallas dan l-ammont minhabba li kien impedut milli jahdem wara li kiser idu waqt li kien xoghol. Il-valur probatorju tal-kopja tad-digriet mhux awtentikata ghalhekk ipprokurah l-istess appellant bix-xhieda tieghu u dan l-aggravju qed ikun michud;".*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Charlot Calleja** Appell Kriminali deciz fit-12 ta' Settembru, 2008, dik il-Qorti qalet hekk:

"Din il-Qorti hi wkoll tal-fehma li f'dan il- kaz ghandha tapplika l-proviso tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 579, u dan kif del resto anke l-Qorti Kostituzzjonali, fis-sentenza fuq imsemmija, qalet li jista' jsir. A skans ta' ekwivoci, in fatti, qed tigi hawn riprodotta s-silta relevanti mill-imsemmija sentenza kostituzzjonali:
"Is-subartikoli (2) sa (4) tal-Artikolu 579 – introdotti, kif inghad, permezz ta' l-Att XVI ta' l-2006 – biddlu s-sitwazzjoni billi, oltre ghall-procedura stabbilita fis-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 579, introducew procedura gdida. Illum il-ksur ta' kundizzjoni imposta mill-qorti fid-digriet li bih tkun tat il-helsien mill-arrest jammonta wkoll ghal reat. Bhal f'kull reat il-konsegwenza hija piena. Din il-piena tista' tkun jew dik biss indikata fis-subartikolu (2) – multa jew prigunerija, jew multa u prigunerija flimkien – jew tista' tinkludi wkoll it-telfien tal-helsien mill-arrest (izda mhux il-konfiska tas-somma) fil-proceduri li fihom il-hati jkun inghata l-helsien mill-arrest preventiv. Jinghad "tista'" ghax il-legislatur ta l-fakolta` lill-Pulizija li meta jressqu lill-imputat jew akkuzat – dan irid jitressaq dejjem taht arrest – talli kiser xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti mill-qorti, huma jistghu wkoll jitolbu "fl-istess procedimenti...ir-revoka tal-helsien mill-arrest u l-arrest mill-gdid ta' dik il-persuna" (sottolinear ta' din il-Qorti). U jaghmel hafna sens li jkun hemm dik il-fakolta` ghax filwaqt li kull ksur ta' kundizzjoni tal-qorti, zghir kemm ikun zghir dak il-ksur,

jammonta wkoll ghal reat, ghar-revoka tal-helsien mill-arrest u l-arrest mill-gdid tal-persuna in kwistjoni jibqa' dejjem applikabbli l-proviso tas-subartikolu 579(1). Fi kliem iehor, jista' jkollok sitwazzjoni fejn l-imputat jew akkuzat li kien inghata l-helsien mill-arrest jinstab hati ta' ksur ta' kundizzjoni mposta mill-qorti u jinghata l-piena skond il-ligi, izda, minhabba li l-ksur tal-kundizzjoni ma tkunx ta' konsegwenza serja, ma jkunx hemm lok ghar-revoka tal-helsien mill-arrest. Kjarament il-legislatur qed jikkontempla bhala "piena" addizzjonali ghar-reat ta' ksur ta' kundizzjoni tal-qorti – u meta jittiehdu l-proceduri skond is-subartikoli (2) u (3) ta' l- Artikolu 579 – ir-revoka tal-helsien mill-arrest bil-konsegwenti arrest mill-gdid."

Din il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-kawza **Il-Pulizija vs Christopher Scerri** Appell Kriminali, deciz fit-28 ta' Settembru, 2017, fejn giet trattata sottomissjoni simili. Il-Qorti qalet hekk:

"7. Fit-tieni aggravju tieghu, l-appellant jargumenta illi l-ewwel Qorti qatt ma setghet tkun konvinta 'l hinn minn kull dubju dettat mir-raguni illi l-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest kienu ghadhom vigenti fuq l-appellant. L-ewwel argument in rigward huwa li l-ufficjal prosekutur qatt ma kkonferma bil-gurament li t-tlett digrieti ghall-helsien mill-arrest kienu ghadhom vigenti. Dan l-argument huwa wiehed fierah ghall-ahhar. L-Ispettur Keith Arnaud fl-ewwel lok kkonferma l-imputazzjoni bil-gurament u aktar tard xehed kif l-appellant kien intercettat fi Triq Regionali *"fil-hin li suppost huwa kien qed jirrinkaza ruhu skond il-bail conditions li ghandu u li akkordatlu l-Qorti"* (a fol 15). Dik id-dikjarazzjoni qatt ma tqieghdet f'dubbju tul il-procediment in dizamina anqas b'domanda wahda in kontro-ezami u ghalhekk l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tikkonkludi illi dawk id-digrieti kienu ghadhom veljanti;

8. L-appellant huwa tal-fehma ukoll illi l-prosekuzzjoni kien messha tressaq lir-Registraturi tal-Qorti u lill-Ufficcjal Prosekutur dwar kull kaz biex jikkonfermaw illi il-kondizzjonijiet tal-helsien mill-arrest kienu ghadhom vigenti. Dawn setghu ukoll kienu soggetti ghall-varjazzjoni minn dakinhar li nghataw u ghalhekk ma jistghux jitqiesu bhala l-ahjar prova. L-appellant ghamel referenza ghas-sentenza Il-Pulizija vs Charles Paul Muscat deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-15 ta' Gunju 2016. F'dak il-kaz, ukoll l-imputat kien akkuzat bil-kondizzjonijiet ta' helsien mill-arrest moghtija lilu per via ta' zewg digrieti. Dak li izda l-appellant jghid li kien ritenut mill-Qorti kienu fil-fatt riproduzzjoni ta' parti mis-sottomissjonijiet tal-ufficcjal prosekutur u tad-difiza li l-Qorti ccitat fis-sentenza taghha. Dak li rriteniet il-Qorti kien biss "*Illi din l-imputazzjoni ma tirrizultax mill-atti processwali u b'hekk l-imputat ser jigi [recte: ikun: liberat minnha*". Dan naturalment ma hu ta' ebda sostenn ghall-argument tal-appellant;

9. L-istess jinghad ukoll dwar is-sentenza citata mill-appellant Il-Pulizija vs Hussein Hamada deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fit-13 ta' Jannar, 2016. F'dik il-kawza, l-imputat kien ammetta l-imputazzjonijiet dwar traffikar u pussess ta' droga. Huwa kien ukoll akkuzat li kien kiser il-kundizzjonijiet ta' helsien mill-arrest kif ukoll bi ksur tal-addebitu tar-recidiva. F'dik il-kawza izda l-imputazzjoni ma tindikax f'hiex kien jikkonsisti dan il-ksur. Wiehed jista' biss jipprezumi li kien kiser il-kundizzjoni normalment moghti li ma setghax jikkommetti reat iehor ta' natura volontarja sakemm ikun mehlus mill-arrest, izda l-prezunzjonijiet u l-assunzjonijiet ma humiex fil-vokabularju ta' din il-Qorti. F'dak il-kaz, il-Qorti tal-Magistrati kienet tal-fehma illi kien jispetta lill-prosekuzzjoni tipprova mhux biss l-ezistenza tad-digriet u l-identita tal-imputat izda ukoll illi l-kawza li dwarha kien mehlus mill-arrest kienet ghadha pendenti. U

dan ghaliex donnu l-prosekuzzjoni kienet qed titratta dik l-imputazzjoni bhal addebitu tar-recidiva, jigifieri bhala konferma ta' kaz li ghadda in gudikat;

10. Dik il-Qorti gustament deherilha illi kienet mankanti l-prova tal-vigenza tal-proceduri penali u kienet libera taghmel dik il-konsiderazzjoni izda l-mertu ta' dik il-kawza ma huwiex mertu tal-appell odjern. Kull kaz jehtieg li jkun deciz fuq il-mertu tieghu u l-provi konsiderati indipendentement minn fatti estrani. Fil-kaz odjern, il-Prosekuzzjoni ressqet vera kopja ta' kull digriet awtentikat mir-Registraturi tal-Qrati u isegwi ghalhekk li dawn ikunu ezaminati *seriatim*;

11. Id-Dokument **KA 4** huwa vera kopja ta' Digriet tal-Qorti Kriminali tat-23 ta' Dicembru 2013 moghti wara rikors ta' Christopher Scerri. F'dan id-digriet, il-Qorti kkoncediet il-helsien mill-arrest tal-istess Christopher Scerri bil-kundizzjonijiet, *inter alia*, li jirtira gewwa r-residenza tieghu mhux aktar tard mid-9 ta' filghaxija u li ma jistghax johrog qabel is-6 ta' filghodu u dan kontra depozitu ta' €10,000 u garanzija personali ta' €20,000. Anness ma' dan id-digriet hemm formola ta' garanzija personali fl-ammont ta' €20,000 fejn jidher indikat ukoll in-numru tal-Karta tal-Identita' tal-persuna li iffirmat din il-garanzija, jigifieri C. Scerri. Id-dokument **KA5** imbaghad huwa Digriet ta' helsien mill-arrest moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) ukoll fil-konfront ta' Christopher Scerri fit-3 ta' Novembru 2014. Il-hin ta' rinkazar huwa ffissat bhala t-8 ta' filghaxija u ma jistghax johrog qabel it-8 ta' filghodu u dan, fost kondizzjonijiet ohra, suggett ghall-depozitu ta' €23,000 u garanzija personali ta' €30,000. F'dan id-dokument jidher biss isem Christopher Scerri minghajr forma ohra ta' identita'. Id-dokument **KA6**, imbaghad huwa digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), moghti fis-6 ta' Settembru 2010 ukoll fil-konfront ta' Christopher

Scerri li bih inghata l-helsien mill-arrest suggett, *inter alia*, li jkun gewwa r-residenza tieghu mhux aktar tard mid-9 ta' filghaxija u ma jistghax johrog aktar kmieni mit-tmienja nieqes kwart ta' filghodu, kontra depozitu ta' €1,000 u garanzjija personali ta' €15,000. Anke f'dan il-kaz ma hemm l-ebda forma ta' certezza li l-appellant huwa il-Christopher Scerri msemmi fid-digrieti indikati fid-dokumenti KA5 u KA6;

12. L-appellant ghalhekk ghandu ragun in parti ghaliex hija ghall-kollox assenti l-prova li Christopher Scerri msemmi fid-dokumenti KA5 u KA6 huwa l-appellant odjern allura imputat. Lanqas ma jirrizulta li dawk id-digrieti inghataw fil-konfront ta' Christopher Scerri *qua* imputat f'kawzi ohra minn fejn allura tista' tkun konsiderata l-identita' tieghu;

13. Fit-tielet aggravju tieghu, l-appellant jargumenta illi anke li kellu jirrizulta ksur tal-kundizzjonijiet, l-ewwel Qorti skartat id-disposizzjoni tal-ligi kif ravvizata fl-artikolu 412A(3) tal-Kodici Kriminali u dan meta naqset li tqis l-istess ksur bhala wiehed *de minimis*. L-appellant kien intercettat ghall-habta tad-9.30 ta' filghaxija meta l-hin ta' rinkazar tieghu kien fid-9 ta' filghaxija. Irid jinghad minnufih illi d-Digriet Dok KA5 jimponi rinkazar fit-8 ta' filghaxija izda, kif inghad *supra*, dak id-digriet kif ukoll dak dokument KA6 ma ngiebitx prova dwarhom u ghalhekk minn issa 'l quddiem ser jitqies biss id-digriet KA4 li kien jimponi hin ta' rinkazar fid-9 ta' filghaxija;

14. L-appellant ma ghandux ragun f'dan l-argument ghaliex l-artikolu 412A tal-Kodici Kriminali japplika ghal dawk il-kazijiet fejn il-Qorti tista' timponi xi kundizzjoni fuq akkuzat jew imputat sabiex tkun zgurata d-dehra tieghu fil-proceduri, **meta ma jkunx taht arrest**. F'dak il-kaz, u fil-kaz ta' ksur ta' dik il-kondizzjoni, s-somma li tinghata b'garanzija tghaddi favur il-

Gvern ta' Malta, hlief meta l-Qorti tikkunsidra li l-ksur tal-kondizzjoni imposta minnha ma tkunx ta' konsegwenza serja. Fil-kaz odjern, u skond id-dokument KA4, l-appellant kien inghata il-**helsien mill-arrest** u ghalhekk mhux applikabbli l-artikolu 412A tal-Kodici Kriminali kif qed jistenna l-appellant. Dispost tal-ligi simili ghal dan huwa l-proviso tal-artikolu 579(1) u jidher li l-appellant ried jaghmel referenza ghal dan l-artikolu u mhux l-artikolu 412A. L-ewwel Qorti rriteniet illi din l-infrazzjoni tal-hin ma tistax titqies bhala li mhix ta' importanza [recte: konsegwenza] serja. Dan id-dispost tal-ligi, izda, jirreferi ghat-telf tas-somma imsemmija fl-obbligazzjoni. Huwa is-subinciz (2) tal-artikolu 579 li jirraviza ir-reat li persuna tonqos milli thares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti mill-qorti fid-digriet taghha li taghti l-helsien mill-arrest. F'dak il-kaz, il-hati jkun soggett ghall-piena hemm infraskritta u "*l-ammont stabbilit fil-helsien mill-arrest taht garanzija* ***ghandu*** *jigi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta".* Qabel l-emendi bis-sahha tal-Att VIII tas-17 ta' Marzu 2015, l-ammont stabbilit fil-helsien mill-arrest "*jista jigi konfiskat"*. Fiz-zmien meta kommess dan ir-reat, l-ligi timponi tassattivament t-telf tal-ammont stabbilit bhala garanzija;

15. L-appellant jaghmel referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet Il-Pulizija vs Dunstin Bugeja tal-25 ta' Far, 2016 per Onor Imhallef Edwina Grima u jargumenta illi l-istess Qorti, in linea mad-decizjoni tal-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem – Lawrence Gatt vs Malta (27.10.2010) u dik tal-Qorti Kostituzzjonali tas-16 ta' Marzu, 2011 fl-ismijiet John Grima vs Avukat Generali. F'dik is-sentenza, fejn wahda mill-imputazzjonijiet kienet konsimili ghal dik odjerna, l-Qorti applikat l-insenjament emergenti mis-sentenzi appena citati sabiex ma jkunx hemm "*elements of shocking disproportionality"* meta wiehed jinstab hati ta' ksur ta' kundizzjoni ta' helsien mill-arrest. Anke f'dak il-kaz, l-appellant kien

instab hati li kien qieghed barra wara l-hin ta' rinkazar. Dak il-kaz izda kien sehh meta l-ligi in rigward kienet differenti minn dik kif vigenti llum tant li l-Qorti kienet affermat illi "... *illum bl-emendi li dahlu fis-sehh permezz tal-Att VIII tal-2015 din id-distinzjoni madanakollu mhux biss ma saritx mill-legislatur, izda dahhlet "blanket provision" li ma thalli l-ebda diskrezzjoni iktar f'idejn il-Qorti billi l-konfiska tal-garanzija jew depozitu ghandha issa tassattivament issir dejjem immaterjalment jekk il-ksur ikunx wiehed serju jew* de minimis";

Illi, fil-kaz in ezami, l-imsemmija digrieti gew prezentati mill-Ispettur Keith Arnaud, fis-seduta tas-07 ta' Marzu 2019 u mmarkati KA4 u KA5. Illi l-imsemmija digrieti huma t-tnejn ittimbrati bhala vera kopja[1] tal-original mahruga mid-Deputat Registratur tal-Qorti li harget l-istess digriet u bl-isem u bil-firma ta' l-istess deputat. Illi in oltre l-Ispettur Keith Arnaud, fix-xhieda tieghu a folio 16 sa 25 tal-process halef u kkonferma id-digriet li hareg fil-kawza li fiha huwa kien il-Prosekutur, fil-waqt illi l-Ispettur Herman Mula fix-xhieda tieghu a folio 32 sa 40 tal-process halef u ikkonferma id-digriet li hareg fil-kawza li fiha huwa kien il-Prosekutur. Mhux biss izda l-istess Prosekutur u l-Ispettur Herman Mula it-tnejn ikkonfermaw fix-xhieda taghhom a folio 21 u a folio 32 rispettivament illi l-imputat huwa l-istess persuna li qed jiffaccja l-proceduri li fihom inghataw l-imsemmija digrieti u ikkonfermaw l-identita' tal-imputat. Dan gie rifless ukoll fil-verbal tas-seduta tas-07 ta' Marzu 2019.

Illi ghalhekk dawn il-vera kopji tad-digrieti, debitament iffirmati mill-awtur taghhom u debitament mahlufa u ikkonfermati mill-Prosekuzzjoni m'ghandhom xejn nieqes minn dak li titlob il-ligi u jikkostitwixxu prova kif

[1] U ghalhekk mhumiex u ma jistghux jitqiesu semplici fotokopja

rikjesta fil-kamp kriminali. Ghalhekk din is-sottomissjoni tad-difiza ma tistax tigi milqugha.

Il-Qorti se tghaddi issa sabiex tqis **il-provi l-ohra** mressqa mill-Prosekuzzjoni dwar il-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni.

Mill-provi prodotti ma hemm l-ebda dubju li l-imputat ma kienx rinkazat ai termini tal-imsemmija digrieti fid-data tal-akkuzi. Dan ghaliex huwa instab l-Imsida fis-sieghat bikrin ta' filghodu.

Mhux biss izda mit-tfittxija li ghamlet il-Pulizija ta' l-Iskwadra kontra d-droga u senjatament PC 1564 Kyle Zammit u PC1494 Andre Grech fir-residenza tal-imputat fix-Xgħajra, li saret wara l-11.00 ta' bil-lejl, l-imputat ma nstabx fir-residenza tieghu.

Illi d-Difiza tghid li l-imputat ma kienx id-dar tieghu ghax iggieled ma' martu u telaq mid-dar.

Din, ex admissi, hija ammissjoni tal-imputat stess illi fil-fatt huwa ma kienx id-dar u dan kontra id-digrieti tal-helsien mill-arrest, irrispettivament mir-raguni li jista' jaghti l-imputat biex jiggustifika dan in-nuqqas tieghu.

Illi in oltre din ir-raguni ma tregix u hija biss skuza. Ghaliex jekk ghas-sahha ta' l-argument wiehed kellu jaccetta din it-tezi tal-imputat, li hu ggieled ma' martu/partner tieghu, l-imputat kien jaf li kellu dawn il-kundizzjonijiet biex seta' jibbenefika mill-helsien mill-arrest u ghalhekk kellu triqat ohra ghad-disposizzjoni tieghu milli jirriskja u jitfa' ghar-repentalju dan il-beneficcju li gie moghti lilu. L-imputat (1) l-ewwel u qabel kollox seta' raqad fil-karozza tieghu barra l-bieb tar-residenza tieghu

u mhux skond hu mar jorqod wara l-bieb t'ommu l-Imsida; (2) seta' cempel lill-Ispetturi li qeghdin imexxu l-kazijiet kontra tieghu u jinfurmahom u jsegwi d-direzzjonijiet taghhom; (3) seta' mar l-Ghassa u informa li ma kienx se jidhol id-dar minhabba din l-allegata glieda li kellu; (5) seta' wara li informa l-Ghassa baqa' rieqed fil-karozza tieghu hdejn l-Ghassa, (6) seta' wkoll facilment jordom l-orgolju tieghu u jmur id-dar u jobdi d-digrieti li huwa marbut bihom, u (6) seta' wkoll jikkomunika ma' avukat u jiehu parir dwar x'jista' jaghmel. L-imputat pero ma ha l-ebda wahda minn dawn it-toroq li kienu kollha disponibbli ghalih minghajr ma jpoggi f'riskju dan il-beneficcju li inghata, izda minflok ghazel li jiehu l-ligi b'idejh u fil-fatt instab barra f'hin li suppost kellu jkun rinkazat.

Illi l-imputat kien jaf sew ukoll x'inhuma l-konsegwenzi li jkollu jiffaccja f'kaz li jinstab barra f'hin li suppost kellu jkun rinkazat. Din il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju li z-zewg digrieti moghtija minn zewg Qrati differenti gew ben spjegati lill-imputat fiz-zewg okkazjonijiet.

Illi hija relevanti wkoll ix-xhieda moghtija minn Carmelo Farrugia, missier l-imputat, a folio 221 sa 229 tal-process, minn liema xhieda jirrizulta li l-imputat qatt qabel ma kien fittex li jmur jorqod hdejn id-dar tal-genituri tieghu, meta kien ikollu xi argument familjari. Jghid ukoll li kien ibnu li mar ihabbatlu fuq it-tieqa tal-karozza tieghu, x'hin hu kien se jitlaq lejn ix-Xghajra bil-karozza tieghu.

Illi, bir-rispett kollu lejn l-abbli difensur huwa rrelevanti jekk kienx hemm elementi fuq il-karozza tal-imputat illi juru li l-karozza kien ilha barra bhal per ezempju tkun miksija bin-nida jew il-magna tkun kiesha, ghaliex dan ma jbiddel xejn mill-fatt illi l-imputat instab barra fil-hinijiet li suppost kien rinkazat.

Illi fil-kawza **Il-Pulizija v. Elaine Muscat**, Appell Kriminali deciz fil-5 ta' Awwissu, 2013, il-Qorti qalet hekk:

“8. Issa, fis-sentenza preliminari taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Tony Armando Zahra** tad-9 ta’ Frar 2007, din il-Qorti kif presjeduta qalet hekk dwar il-kundizzjoni ta’ rinkazar f’digriet ta’ helsien mill-arrest:

“Skond l-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, il-helsien waqt pendenza tal-proceduri “jista’ jkun taht kundizzjoni ta’ garanziji biex jidher ghall-proceduri”. Il-kundizzjoni msemmija hija kundizzjoni valida sabiex ikun hemm il-kontroll mehtieg biex jigi assigurat li l-appellant jidher ghall-proceduri peress illi tali mizura tnaqqas il-possibilita` li persuna imputata tallontana ruhha mill-pajjiz jew anke tinheba. Issir referenza wkoll ghal dak li jghidu Harris, O’Boyle u Warbrick fil-ktieb taghhom “Law of the European Convention on Human Rights”: “‘Article 5(3) can be read as meaning that the only conditions that can be attached to release pending trial are those relating to appearance at trial. However, it would be unsatisfactory if Article 5(3) did not allow any considerations other than appearance at trial to be taken into account when allowing bail. Such an approach might work to a person’s disadvantage in that it might prevent his release altogether if, for example, a condition as to the suppression of evidence or the prevention of crime were not permissible.’ “Kondizzjoni bhal dik in kwistjoni fil-fatt hija legittima anke sabiex tipprevjeni li jigu kommessi reati ohrajn.”.

Illi fil-kawza **Il-Pulizija v. Francis Formosa,** Appell Kriminali deciz fil-25 ta' Frar, 2015, il-Qorti qalet hekk:

"9. Issa, mill-atti jirriżulta illi b'digriet ta' l-1 ta' Settembru 2014 mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fi proċeduri kontra l-appellant, l-istess appellant ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt numru ta' kondizzjonijiet, fosthom **li jirtira ġewwa d-dar fejn joqgħod mhux aktar tard mid-9.00 p.m. u ma joħroġx minn hemm qabel it-8.00 a.m. ta' l-għada filgħodu[2].** Fid-9.00 p.m. tas-16 ta' Novembru 2014 instab mill-Pulizija jieħu drink mill-Miracles Bar fil-Pjazza ta' Buġibba.

10. Is-subartikoli (2) u (3) ta' l-artikolu 579 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdu:
"(2) Kull persuna li tonqos milli tħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti mill-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, il-piena ta' multa jew ta' priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn sitt xhur[3], jew għal multa u priġunerija flimkien u l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija jista' jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta.
"(3) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' xi liġi, kull persuna akkużata b'reat kif imsemmi fis-subartikolu (2) għandha tiġi mressqa l-Qorti taħt arrest, u l-Pulizija tkun tista', fl-istess proċedimenti, titlob ir-revoka tal-ħelsien mill-arrest u l-arrest mill-ġdid ta' dik il-persuna. Il-proċedimenti għal reat taħt is-subartikolu (2) għandhom jittieħdu mill-Pulizija u jiġu deċiżi mill-Qorti bl-urġenza.".

11. **<u>L-appellant irid jiġi mfakkar l-ewwelnett illi l-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest mhumiex mogħtija għalxejn</u>**[4], u filwaqt illi l-għan prinċipali tagħhom huwa biex jassiguraw illi dak li jkun jidher il-Qorti kull meta jigi mitlub jaghmel dan, hemm kundizzjonijiet li dwarhom isiru

[2] L-istess ksur ta' kundizzjoni li ghandha l-Qorti fil-kaz in ezami.
[3] Illum il-piena ta' prigunerija hija ta' erba' xhur sa sentejn.
[4] Enfasi tal-Qorti

konsiderazzjonijiet oħra, per eżempju biex jiġi assigurat li xhieda ma jiġux avviċinati. Irid jiġi mfakkar ukoll illi d-digrieti tal-Qorti, u f'dan il-każ il-kundizzjonijiet li taħthom ġie akkordat il-ħelsien mill-arrest bid-digriet imsemmi ta' l-1 ta' Settembru 2014 u li huwa obbliga ruħu li joqgħod għalihom bil-firma tad-dikjarazzjoni appożita, **għandhom jiġu osservati skrupolożament u ad litteram**[5]. Naturalment il-piena konsegwenzjali għall-ksur ta' tali kundizzjonijiet għandha tkun proporzjonata għall-ksur.

12. Fil-każ deċiż mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **Gatt vs Malta** fis-27 ta' Lulju 2010 (finali fis-27 ta' Ottubru 2010) fejn l-imsemmi Gatt kien kiser il-kundizzjoni ta' curfew[6] f'okkażjoni waħda u ġie applikat l-artikolu 579(1) tal-Kap. 9 li permezz tiegħu ġie revokat il-ħelsien mill-arrest u ġie kundannat iħallas il-garanzija totali ta' €23,300 liema somma ma ħallasx u ġiet konvertita f'detenzjoni skond l-artikolu 586 tal-Kap. 9, dik il-Qorti osservat: "The Court observes that Maltese law, in respect of the circumstances in which a bail bond will be forfeited to the Government as a result of a failure to observe bail conditions (Article 579 of the CC), makes no distinction between conditions related to the primary purpose of bail, namely appearance at the trial, and conditions related to other considerations. However, it gave the authorities discretion not to apply the said provision if the breach of conditions was not of a serious nature. In the present case, where the condition breached referred to a curfew and was not connected to the primary purpose of granting bail, the Court has difficulty in understanding the authorities' decision to apply the relevant Article."

---

[5] Enfasi tal-Qorti
[6] Bhal fil-kaz in ezami

13. Fil-każ odjern, fejn l-appellant tressaq akkużat bir-reat kontemplat fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 579, bħal fil-każ Gatt vs Malta, si trattava ta' ksur ta' curfew, fejn l-appellant instab barra darba fid-9.00 p.m., cioe` fil-ħin li suppost kellu jinstab id-dar. Huwa ġie kkundannat tliet xhur priġunerija. Lewwel Qorti għażlet li teżerċita d-diskrezzjoni tagħha billi ukoll tirrevoka ddigriet ta' ħelsien mill-arrest u tordna l-konfiska tas-somma ta' €4,400."

Hawnhekk din il-Qorti tirreferi wkoll għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' April 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Jesmond Borg) v. Kevin Gatt,** fejn il-Qorti qalet hekk: "*Is-subartikoli (2) sa (4) tal-Artikolu 579 – introdotti, kif inghad, permezz ta' l-Att XVI ta' l-2006 – biddlu s-sitwazzjoni billi, oltre ghall-procedura stabbilita fis-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 579, introducew procedura gdida. Illum il-ksur ta' kundizzjoni imposta mill-qorti fid-digriet li bih tkun tat il-helsien mill-arrest jammonta wkoll ghal reat. Bhal f'kull reat il-konsegwenza hija piena. Din il-piena tista' tkun jew dik biss indikata fis-subartikolu (2) – multa jew prigunerija, jew multa u prigunerija flimkien – jew tista' tinkludi wkoll it-telfien tal-helsien mill-arrest (izda mhux il-konfiska tas-somma) fil-proceduri li fihom il-hati jkun inghata l-helsien mill-arrest preventiv. Jinghad "tista'" ghax il-legislatur ta l-fakolta` lill-Pulizija li meta jressqu lill-imputat jew akkuzat – dan irid jitressaq dejjem taht arrest – talli kiser xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti mill-qorti, huma jistghu wkoll jitolbu "fl-istess procedimenti…ir-revoka tal-helsien mill-arrest u l-arrest mill-gdid ta' dik il-persuna" (sottolinear ta' din il-Qorti). U jaghmel hafna sens li jkun  hemm dik il-fakolta` ghax filwaqt li kull ksur ta' kundizzjoni tal-qorti, zghir kemm ikun zghir dak il-ksur, jammonta wkoll ghal reat, ghar-revoka tal-helsien mill-arrest u l-arrest mill-gdid tal-persuna in kwistjoni jibqa' dejjem applikabbli l-proviso tas-subartikolu 579(1). Fi kliem iehor,*

*jista' jkollok* *sitwazzjoni fejn l-imputat jew akkuzat li kien inghata l-helsien mill-arrest jinstab hati ta' ksur ta' kundizzjoni mposta mill-qorti u jinghata l-piena skond il-ligi, izda, minhabba li l-ksur tal-kundizzjoni ma tkunx ta' konsegwenza serja, ma jkunx hemm lok ghar-revoka tal-helsien mill-arrest. Kjarament il-legislatur qed jikkontempla bhala "piena" addizzjonali ghar-reat ta' ksur ta' kundizzjoni tal-qorti – u meta jittiehdu l-proceduri skond is-subartikoli (2) u (3) ta' l-Artikolu 579 – ir-revoka tal-helsien mill-arrest bil-konsegwenti arrest mill-gdid."*

Fuq il-bazi ta' dawn l-insenjamenti u ghar-ragunijiet fuq spjegati il-Qorti qeghdha issib lill-imputat hati ta' din l-ewwel akkuza.

**It-Tieni akkuza**

Il-Qorti se tghaddi issa sabiex tikkunsidra t-tieni akkuza li tghid hekk:

*"U aktar talli fil-hamsa (05) ta' Marzu 2019, ghall-habta ta' nofs il-lejl neqsin ghaxar minuti (23:50) gewwa Hal Ghaxaq, irrifjuta jaghti, jew ta falz, lil ufficjal pubbliku jew lil wiehed iehor li jkun inkarigat minn servizz pubbliku waqt li jkun jaghmel id-dmirijiet tieghu, ismu, kunjomu, fejn joqghod u partikolaritajiet ohra."*

**Principji Applikabbli fejn ikun hemm Verzjonijiet konfliggenti**

Illi din il-Qorti thoss li ghandha taghmel referenza ghall-principji u insenjamenti li gew enuncjati mill-Qrati taghna, f'kazijiet fejn seta' kien hemm verzjonijiet kunfliggenti u dan minhabba ix-xhieda moghtija minn PC 956 Justin Buhagiar a folio 112 sa 138 tal-process u PC410 Clint Cutajar a folio 139 sa 172 tal-process, liema xhieda tista' titqies li tohloq

kunflitt max-xhieda moghtija mill-Pulizija l-ohra li xehdu dwar l-identita' tal-imputat u senjatament max-xhieda ukoll ta' PC1564 Kyle Zammit li xehed a folio 173 sa folio 194 tal-process u PC 1494 Andre Grech li xehed a folio 195 sa 217 tal-process.

Illi huwa rilevanti li hawn si tratta mix-xhieda moghtija minn zewg xhieda u mhux minn xhud wiehed.

Illi din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Martin Mark Ciappara** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioé jistghu jigru zewg affarijiet u cioé jew il-Gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ppruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timpronta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Frar 2012, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

"*Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja*".

Fil-kawza **Pulizija vs. Joseph Thorn** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003 il-Qorti qalet:

"*... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx*"

(ara wkoll **Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 t' Ottubru 2006, **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis- fis-17 ta' Settembru 2012

"*Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja*".

Fil-kawza **Pulizija vs. Joseph Thorn** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet

"*... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx*"

(ara wkoll **Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino,** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 t' Ottubru 2006, **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis- fis-17 ta' Settembru 2012, **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Settembru 2012, **Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-24 ta' Jannar 2013, **Il-Pulizija vs. Mario Pace** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-6 ta' Frar 2013 u **Il-Pulizija vs. Hubert Gatt** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-11 ta' Lulju 2013.

Illi l-Qorti tinnota li fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Pace** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Ottubru 2013, il-Qorti rriteniet is-segwenti:

*"Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrih fuq xhud wiehed biss kif del resto hija ntitolata li taghmel permezz tal-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jghid illi xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija mill-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9*".

**Konsiderazzjonijiet Legali fir-Rigward ta' Provi Cirkostanzjali**

Illi l-Qorti ser taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Abdellah Berrad et** deciza mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar id-19 ta' Mejju 2014 fejn inghad is-segwenti:

"*Huwa minnu wkoll kif rapportat aktar 'l fuq li fl-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9 ix-xiehda ta' xhud wiehed biss, jekk emnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Ghalhekk jispetta lill-Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fic-cirkostanzi u dan a bazi tal-possibilita'*.

Illi mill-assjem tal-provi prodotti, quddiem din il-Qorti li kellha l-possibilita' li tara u tgharbel x-xhieda kollha li xehdu quddiema, din il-Qorti tqis li x-xhieda moghtija minn PC 956 Justin Buhagiar u PC410 Clint Cutajar ma hi xejn kredibbli u attendibbli u li tista' titwemmen fejn dawn iz-zewg xhieda sabu diffikulta li jidentifikaw lill-imputat bhala l-persuna li huma waqqfu f'Hal-Ghaxaq.

Ghal din il-Qorti ma hemmx dubju li l-imputat kien il-persuna li twaqqaf minn dawn iz-zewg kuntistabbli f'Hal Ghaxaq, u li kien l-imputat li ta id-dettalji foloz lill-istess Pulizija u mhux biss izda minghajr ezitazzjoni wegibhom li huwa kien huh Martin Farrugia, u mhux il-persuna li kienu qed ifittxu u cioe' Paul Farrugia, l-imputat.

Il-Qorti ssibha difficli li temmen lil dawn iz-zewg Pulizija ukoll ghaliex huma ma kellhom l-ebda diffikulta li jidentifikaw lis-siehba tal-imputat Elaine Aquilina, bhala l-istess persuna li kienet avvicinathom Hal Ghaxaq meta huma waqqfu lill-imputat u dan tahom id-dettalji ta' huh. Huwa ovvju li s-siehba tal-imputat kienet Hal Ghaxaq mal-imputat u ma' binthom u mhux ma hu l-imputat Martin Farrugia.

Il-Qorti ssibha wkoll difficli li temmen u tifhem in-nuqqas ta' dawn iz-zewg Pulizija li jidentifikaw lill-imputat ghaliex huma ma kellhomx l-istess

diffikulta biex identifikaw lis-siehba tieghu, li huma raw f'okkazjoni wahda biss u cioe' x'hin avvicinathom f'Hal Ghaxaq meta waqqfu lill-imputat, u minkejja dan huma identifikaw lil din is-siehba tieghu izda ghal xi raguni ma identifikawx mija fil-mija lill-imputat li huma raw u waqqfu f'dik l-istess okkazjoni u f'dawk l-istess ambjenti u f'dik l-istess triq li huma gew avvicinati mis-siehba tal-imputat u kienu kapaci jidentifikawha meta rawha t-tieni darba hdejn ir-residenza taghha u tal-imputat fix-Xghajra.

Illi din il-Qorti ghalhekk issib aktar kredibbli l-verzjoni moghtija mix-xhieda l-ohra tal-Prosekuzzjoni. Huwa rilevanti li l-Pulizija tal-Iskwadra kontra d-Drogi ma kellhom l-ebda diffikulta li l-persuna kienet l-imputat. Huwa rilevanti wkoll illi l-kliem uzat mill-istess Pulizija kien li "s-suggett" kien Paul Farrugia u mhux li kellhom "suspett" kif xehdu l-Pulizija l-ohra li telqu lill-imputat, u dan minghajr ma qaghdu jistennew lis-surgent taghhom, li kienu jafu li kien fit-triq u li fi ftit hin kellu jkun hdejhom. X'kin se jiswielhom lil dawn iz-zewg Pulizija li kieku stennew istruzzjonijiet minn ghand is-Surgent taghhom?

Huwa relevanti wkoll li meta hu l-imputat, Martin Farrugia gie mitkellem mis-Surgent PS Aldo Cassar[7], waqt li huwa kien diehel fil-proprjeta' tieghu l-Buskett, dan stqarr li matul il-lejl huwa kien rieqed id-dar is-Siggiewi. Konsegwentament ma kienx Hal Ghaxaq. Minkejja li dan ix-xhud ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri, kif jirrizulta mix-xhieda tieghu a folio 41-42 tal-process, dan ma ghandux ifisser li l-Qorti ma tezaminax ix-xhieda tax-xhieda l-ohra tal-Prosekuzzjoni u dak li jkun intqal direttament lilhom.

Illi mill-provi prodotti ma hemmx dubju li l-imputat Paul Farrugia dakinhar kien tassew Hal Ghaxaq, u x'hin waqqfuh il-Pulizija ma ddejjaq xejn

[7] Xhieda a folio 54 sa 56 tal-process

jaghtihom dettalji foloz sabiex jiskolpa ruhu u jsib ic-cans li jahrab minn fuq il-post. Kif fil-fatt ghamel, izda ma rnexxilux jidhol fir-residenza tieghu ghaliex x'hin waslet is-siehba tieghu, din sabet li l-Pulizija kienu diga' fuq il-post josservaw l-istess residenza.

**Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

Illi fil-kawza **Il-Pulizija (Spettur Mario Tonna) Vs Italo Grech,** Appell Kriminali deciz fl-14 ta' Dicembru, 2006, dik il-Qorti qalet hekk:

**"**Illi ghar-rigward tat-tieni aggravju dwar il-piena applikata mill- Ewwel Qorti, l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x' jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella**" [14.6.1999], "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina** "[24.4.2003] u ohrajn.). F' dan il-kaz il-piena hija entro l-parametri tal-ligi li jipprovdi ghall-piena karcerarja massima ta' sitt xhur prigunerija, flimkien ma' multa w din il-Qorti ma tarax li hija wahda esagerata, specjalment konsidrata l-fedina penali refrattarja tal-appellant.

Illi din il-Qorti xejn ma taqbel mall-appellant li l-ksur tal-kondizzjonijiet tal-ghoti tal-liberta' provizorja kien wiehed zghir jew negligibbli. L-appellant kien qed jiffaccja proceduri kriminali fuq akkuza ta' serq. Meta l-Qorti laqghet it-talba tieghu biex jinghata l-helsien mill-arrest, dan ghamlitu billi imponietlu kondizzjoni li ma johrogx mid-dar u jmur biss id-Detox Centre bejn it-8.30 am u 9.30 am (dak li popolarment hu maghruf bhala *"house arrest"*, li qed jintuza frekwentement mill-Qrati tal-Magistrati minn xi zmien 'l hawn.) Issa biex dan il-*"house arrest"* ikollu xi sinifikat u ma

jigix stultifikat, hu imperattiv li l-kondizzjonijiet attinenti ghalih jigu strettament u skrupolozament osservati. Ghalhekk kull nuqqas konsistenti fi hrug mid-dar minn fejn suppost hu qieghed taht arrest, hu nuqqas serju w qatt ma jista' jigi konsidrat bhala ksur ta' "*portata zghira*" kif qed jissottometti l-appellant. Altrimenti kullhadd jibda jirricerka kull pretest possibbli w immaginabbli biex jara kif jehles mill- *"house arrest"* billi johrog u jidhol x' hin ikun jidhirlu hu. Din il-Qorti ma tista' qatt tikkondona dan w bhall-Ewwel Qorti tikkonsidrah nuqqas serju bizzejjed biex iwassal ghall-piena erogata mill-Ewwel Qorti w l-ordni biex l-appellant jitlef il-beneficcju tal-helsien mill-arrest fil-kawza fejn qed jiffaccja akkuzi dwar serq, a tenur tal-art. 579 (3) tal-Kodici Kriminali. Ghalhekk din il-Qorti ma tarax li ghandha tvarja id-diskrezzjoni tal- Ewwel Qorti fl-erogazzjoni tal-piena ta' xahar prigunerija w fl-ordni biex l-appellant jinzamm taht arrest preventiv mill-gdid. Konsegwentement anki dan l-aggravju qed jigi respint."

Illi fir-rigward tal-piena li ghandha tigi imposta, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell, moghtija mill-Onorevoli Imhallef Consuelo Scerri Herrera fil-kawza il-**Pl vs Mario Camilleri** Appell 06/11/2018, fejn il-Qorti qalet hekk:

"*Dwar il-konfiska tal-flejjes l-Qorti taghmel referenza ghal kliem tal-ligi u appuntu ghal dak li hemm indikat fis-sub inciz (2) tal- artiklu 579 tal-kodici kriminali li jghid li l-Qorti f'kaz ta' htija ghandha ukoll tordna li "l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija* **<u>għandu</u>** *jiġi konfiskat favur il- Gvern ta' Malta. Dan ifisser li l-Qorti m'ghandhiex diskrezzjoni izda ghandha tordna il-konfiska bhala konsegwenza tal-ksur tar-reat u bhala konsegwenza tal-piena.*"

Dik il-Qorti kompliet tghid hekk: "*Dwar is sejbien ta' htija fir-rigward l-ewwel u t-tieni akkuza jinghad is-segwenti:-*

*L-appellant gie akkuzat talli kiser kundizzjoni tal-liberta provisorja imposta mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-allura Magistrat llum Onorevoli Imhallef Grazio Mercieca nhar il-15 ta' Jannar 2018 b'dan illi naqas li jobdi l-ordni li ma jsuq l- ebda vettura ta' kwalsiasi xorta u li ma jikkomettix delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest dan bi ksur tal-artikolu 579 (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Dan is sub artikolu jipprovdi is-segwenti:-*
*"Kull persuna li tonqos milli tħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti mill-qorti fid- digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, il-piena ta' multa jew ta' priġunerija għal żmien ta'erba' xhur sa sentejn, jew għal multa u priġunerija flimkien".*

*Illi ma hux minnu ghalhekk li l-ewwel Qorti imponiet il-massimu permess mill-ligi meta kkundannat lil-appellant prigunerija ta' sitt xhur, ppittost li resqet lejn il- minimu taghha. Illi in vista tal-fedina penali tal-imputat li hija wahda reflettarja hafna u li minkejja li kiser dufrejgh mal-ligi f'diversi okkazzjonijeit u inghata diversi pieni differenti ma tghallimx mill-esperjenzi tieghu u ma gharafx jisfrutta l-opportunitajiet li nghata tant li sahansitra anke nghta il-liberta provisroja darbtejn fl-istess kawza l-Qorti thoss li l-piena moghtija mill-ewwel Qorti f'dan ir-rigward kienet wahda ekwa u misthoqqa fic-cirkostanzi.*

*Huwa minnu pero' li ordnat il-konfiska tal-flejjes moghtija mill-appellant bhala garanzija personali fl-ammont ta' €10,000 u fil-konfront ta' depositu*

*ta' €10,000 euro ighaddu favur il-Gvern ta' Malta. Dwar il-konfiska tal-flejjes l-Qorti taghmel referenza ghal kliem tal-ligi u appuntu ghal dak li hemm indikat fis-sub inciz (2) tal- aratikou 579 tal-kodici kriminali li jghid li l-Qorti f'kaz ta' htija ghandha ukoll tordna li "l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu13 jiġi konfiskat favur il- Gvern ta' Malta". Dan ifisser li l-Qorti m'ghandhiex diskrezzjoni izda ghandha tordna il-konfiska bhala konsegwenza tal-ksur tar-reat u bhala kosnegwenza tal-piena."*

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 338 (g) u 579 (1) u (2) u (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha kif migjuba kontra tieghu u ghaldaqstant qeghda (1) tirrevoka z-zewg digrieti ta' helsien mill-arrest hawn imsemmija ta' l-imsemmi Paul Farrugia, u cioe d-digriet datat id-09 ta' Awwissu 2018, li bih inghata l-helsien mill-arrest mill-Qorti Kriminali, Onor. Imhallef Antonio Mizzi, u d-digriet datat l-20 ta' Mejju 2015 li bih ukoll kien inghata l-helsien mill-arrest mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat (illum Imhallef) Dr Miriam Hayman LLD; u (2) tordna l-arrest tieghu mill-gdid, kif ukoll (3) tordna li s-somma ta' €30,000 bhala depozitu u s-somma ta' €70,000 bhala garanzija personali li ghandu mposti fuqu bid-digriet mill-Qorti Kriminali Onor. Imhallef Antonio Mizzi datat id-09 ta' Awwissu 2018, kif ukoll is-somma ta' €5,000 bhala depozitu u s-somma ta' €10,000 bhala garanzija personali li ghandu mposti fuqu mill-Magistrat (illum Imhallef) Dr Miriam Hayman LLD bid-digriet datat l-20 ta' Mejju 2015, jghaddu favur il-Gvern ta' Malta hekk kif stipulat fl-artikolu 579 (2) (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u (4) tikkundannah kumplessivament ghal terminu ta' prigunerija effettiva ta' hmistax il-xahar u cioe; tnax il-xahar fuq l-ewwel akkuza u tlett xhur fuq it-tieni akkuza u tikkundannah ihallas multa ta' elf mija u hamsin Ewro (€1,150).

Il-Qorti spjegat fi kliem car lill-imputat l-import ta' din is-sentenza.

***(ft)Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg

Deputat Registratur